22 ta' Ottubru, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Wistin Scicluna

**Provi — Eżenzjoni ta' Xhieda milli Jixhdu — Art. 629 (2) u 639 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-każ fejn l-imputat jitlob li jiġi eżentat milli jixhed minħabba li jista' jiġi espost għal prosekuzzjoni kriminali huwa divers minn dak fejn huwa jitlob dik l-eżenzjoni minħabba li huwa mparentat ma' l-akkużat. Fl-ewwel każ il-Qorti hija obligata teżenta lix-xhud milli jirrispondi għal domandi li jistgħu jinkriminawh; fit-tieni każ jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti li tagħti jew le l-eżenzjoni mitluba.*

Il-Qorti, — Peress li x-xhud Fredrick Mifsud talab li jiġi eżentat milli jixhed;

Rat l-art. 639 Kap. 12;

Peress li dana l-każ jiddistingwi ruħu mill-każ "Rex vs. Muscat" (Qorti Kriminali kolleġjalment komposta 23. VII. 1942), għaliex f'dak il-każ ix-xhud talab biex ma jixhedx "minħabba li kien imparentat ma' l-akkużat", mentri f'dana l-każ ix-xhud qiegħed jitlob li jiġi eżentat minħabba li jista' jiġi espost "għal prosekuzzjoni kriminali" (art. 639). Skond dan l-artikolu ta' l-aħħar il-Qorti hi obligata teżentah milli jirrispondi għal domandi li jistgħu jinkriminawh, mentri fil-

każ fuq ċitat ("Rex vs. Muscat") id-dispożizzjoni applikabili kienet dik ta' l-art. 629 (2), li tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk teżentax jew le lix-xhud li ma jridx jixhed kontra min jiġi minnu. Il-fatt li x-xhud ikun għamel xi dikjarazzjoni lill-Pulizija għandu sinifikat divers u effetti diversi fil-każ wieħed u l-ieħor. Fil-każ "Muscat" dak il-fatt seta' jfisser li, ladarba x-xhud laħaq tkellem, allura r-riluttanza tiegħu li ma jixhedx ma kienetx aktar komprensibili, mentri f'dana l-każ preżenti hu bla dubju interess tax-xhud li jevita ammissjoni ġudizzjali tiegħu stess, li tista' tkun ħaġa ferm aktar serja minn dikjarazzjoni magħmula lill-Pulizija, li jista' jkollha xi difetti legali, u tista' talvolta tiġi kombattuta;

Għalhekk il-Qorti teżenta lix-xhud milli jixhed.